**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum l-Erbgha 10 ta' April 2017

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Anthony Cassar)**
**vs.**
**Carmen Ellul u**
**Giuseppa sive Josephine Psaila**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Carmen Ellul ta' 50 sena, mart Carmelo u bint il-mejjet Rafel Lia u Giovanna nee' Scicluna, imwielda Tal-Pieta' fil-4 ta' Marzu, 1956 u toqghod fl-indirizz numru 9, Triq ic-Cimiterju, Haz-Zabbar, detentura tal-karta tal-identita' numru 190856M

u

Giuseppa sive Josephine Psaila ta' 55 sena, mart Alfred (legalment separata) u bint il-mejjet Rafel u Giovanna nee' Lia, imwielda Tal-Pieta' fit-23 ta' Lulju, 1950 u toqghod fl-indirizz numru 60, Sqaq Lajri, Haz-Zabbar, detentura tal-karta tal-identita' numru 642350M.

Akkuzati talli f'Haz-Zabbar, nhar it-30 ta' Mejju, 2004 ghall-habta ta' xi l-erbgha ta' wara nofsinhar, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' Michelina Bondin minn Haz-Zabbar, f'periklu car, hebbew ghaliha, imbuttawha u taghwha diversi daqqiet bis-sieq fejn ikkagunawlha hsara fil-gisem jew fis-sahha taghha u cioe' feriti gravi per durata skond ma ccertifika Dr Patrick Farrugia MD, tal-Isptar San Luqa, liema offizi ikkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew gabet difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem taghha.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-istess Michelina Bondin u l-familjari taghha, jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-imsemmija Carmel Ellul u Giuseppa sive Josephine Psaila b'obbligazzjoni taghhom innifishom taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 17 ta' Novembru, 2009 (fol 115 tal-process), fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 214, 215, 216 (1)(a), 216(1)(d), 218(1)(a), 218(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt is-seduta tal-24 ta' Frar 2010 (fol. 112 tal-process) l-imputati iddikjaraw li huma m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha u d-dokumenti ezebiti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Ufficjal Prosekutur.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti:

1. L-imputata Josephine Psaila marret l-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar u talbet l-intervent tal-Pulizija fuq glieda li kienet ghaddejja ezatt hdejn l-istage tal-linja, li kienet vicin l-istess Ghassa.
2. Il-Pulizija marru fuq il-post u huma sabu liz-zewg nisa, cioe' Mikelina Bondin, il-parti leza f'dawn il-proceduri, u lil Carmen Ellul, l-imputata l-ohra, fuq xulxin qed jiggieldu, u firduhom.
3. Il-Pulizija hadu lil Carmen Ellul l-Ghassa, pero' meta l-Pulizija ppruvat tqajjem mill-art lil Mikelina Bondin, osservaw li sieqha kienet tidher miksura.
4. Ghalhekk huma sejhu l-ambulanza li hadet lil Mikelina Bondin l-Isptar San Luqa, fejn giet ezaminata mit-tabib Dr. Patrick Farrugia li ccertifika verbalment li kellha ksur f'saqajha u kellha bzonn intervent kirurgiku.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

*Kwistjoni Preliminari – L-Ammissibilita tal-Istqarrija tal-Imputati*

Minkejja li d-difiza ma ssollevat l-ebda kwistjoni fir-rigward, din il-Qorti thoss ruhha obbligata li tiskarta l-istqarrijiet tal-imputati – b'eccezzjoni ta' stqarrija wahda - u dak kollu li setghu qalu waqt l-investigazzjoni, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

L-eccezzjoni li ssemmiet iktar il-fuq, hija l-istqarrija tal-imputata Josephine Psaila li tat fit-30 ta' Mejju 2004, stante li l-kontenut taghha inqratilha mill-Prosekuzzjoni in kontro-ezami snin wara l-incident, u wara li kienu nbdew dawn il-proceduri u l-imputata kienet tkun assistita minn avukat. In oltre l-kontro-ezami sar fil-prezenza tal-avukat difensur taghha. F'dan il-kontro-ezami hi kkonfermat il-kontenut tal-istqarrija taghha. Fid-dawl tal-fatt li ma hemmx dubbju li l-imputata kienet hadet parir legali u fil-fatt kienet qed tigi assistita minn avukat

f'dawn il-proceduri, u hi ghazlet fil-prezenza tal-avukat difensur taghha li tikkonferma bil-gurament l-kontenut tal-istqarrija, il-Qorti ma tarax li l-insenjament fil-kawza **Borg v. Malta**, japplika ghall-fattispecje tal-konferma ta' din l-istqarrija.[1]

Issa l-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali fil-meritu.

*Kunsiderazzjonijiet fil-Meritu*

Kif wiehed jista' jistenna f'cirkostanzi simili, l-versjonijiet tal-parte civili u tal-imputati huma djametrikament opposti. Il-Qorti se tirriproduci l-versjoni ta' kull parti fil-qosor.

Il-parte civile, Mikelina Bondin xehdet[2] li kienet qieghda tistenna karozza tal-linja fuq l-istage biex tmur ix-Xghajra. Meta waslet il-karozza, hi telghet fil-karozza u mill-istess karozza nizlet l-imputata Carmen Ellul. Bondin tallega fix-xhieda taghha li l-imputata Carmen Ellul kiesah u biered ghajritha "kurnuta". Malli semghet dan il-kliem, Bondin nizlet minn tal-linja, qabdet lill-imputata Ellul – li kienet fuq il-bankina - minn xagharha, l-imputata Ellul qabditha wkoll minn xaharha, u bdew jaghtu. Imbaghad nizlet mill-karozza tal-linja oht l-imputata Ellul, l-imputata Josephine Psaila, li mbuttathom u qalbithom, u hi giet taht, u l-imputata Ellul giet fuqha, u l-imputata Psaila bdiet ittiha bis-sieq. Il-parti leza xehdet hekk: *"It-tnejn dahru fuqi. Jiena tajthom u huma tawni."*[3] Imbaghad, l-imputata Ellul qalet lill-imputata Psaila biex tmur iggib l-ghajnuna tal-Pulizija u din hekk ghamlet. Il-parti leza ammettiet ukoll li huma diga kellhom xi jghidu xi sena qabel.

L-imputata Carmen Ellul xehdet[4] li hi u ohtha l-imputata Josephine Psaila kienu rekbin fuq wara tal-karozza tal-linja. Meta l-karozza waqfet fuq l-istage, huma raw lil parte civile tiela' fil-karozza u iddecidew li jhalluha titla' u toqghod bil-qieghda, u mbaghad jinzlu. Huma hekk ghamlu u kull wahda kienet se tmur ghal triqtha. F'daqqa wahda hasset lil xi hadd jaqbdilha xaharha u daret u sabet lill-parte civile. Hi u ddur waqghet u waqghu fuq xulxin. L-imputata Ellul tghid li hi m'ghamlet xejn, imma l-parte civile baqghet b'idejha iggranfata ma xaharha.

[1] Ara fol. 134 tal-process.
[2] Ara fol. 46 *et seq.* tal-process.
[3] Ara fol. 52 tal-process.
[4] Ara fol. 119 tal-process.

L-imputata Psaila ma ndahlitx fil-glieda u marret l-ghassa ggib il-Pulizija. In kontro-ezami, l-imputata Ellul cahdet li waqt li kienet niezla mill-karozza tal-linja, hi qalet kliem dispreggattiv lill-parte civile u tinsisti li ma kellmithix.

L-imputata Psaila xehdet[5] li hi u l-imputata l-ohra kienu fuq il-karozza tal-linja riekbin fuq wara. Meta l-karozza waqfet fuq l-istage, telghet il-parte civile u kienet qed thallas lix-xufier, waqt li huma kienu nizlin mill-karozza. X'hin nizlu fuq il-bankina, huma kienu sejrin f'direzzjonijiet differenti, meta semghet lill-imputata Ellul tghajjat u daret u rat lill-imputata Ellul u lill-parte civile jiggieldu, u waqghu mal-art. Ghalhekk, telqet tigri l-Ghassa, biex titlob l-assistenza tal-Pulizija. In kontro-ezami, l-imputata Psaila cahdet li hi qalet xi kliem dispreggattiv lill-parte civile.

Ghalkemm mix-xhieda tal-parte civile jirrizulta li diga kien hemm xi disgwid bejnha u ghall-inqas bejn l-imputata Ellul, il-Qorti ma ssibx kredibbli l-versjoni tal-imputata Ellul, li l-parte civile aggreditha kiesah u biered, minghajr ma kien hemm l-inqas forma ta' provokazzjoni min-naha taghha. Il-Qorti issib hafna iktar kredibbli l-versjoni tal-parte civile, li hi aggrediet lill-imputata Ellul, ghaliex l-istess imputata Ellul kienet qaltilha "kurnuta" hi u niezla mill-karozza tal-linja.

Ghaldaqstant, l-imputata Ellul ma tistax tistrieh fuq l-iskriminanti tal-legittima difiza. L-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali jistabbilixxi il-parametri ghall-applikazzjoni tal-iskriminanti tal-legittima difiza u jippreskrivi hekk: *"Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor."*

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Augusto Auguliaro**, deciza fis-26 ta' Awwissu 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[6] irriteniet hekk:
*"Mhux kull min "jagixxi biex jiddefendi ruhu" necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-ligi titkellem car dwar il-"<u>bzonn attwali</u>" tad-difiza <u>legittima</u>" ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna hu ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka dina l-iskriminanti, l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli. L-element tal-inevitabilita jigi nieqes meta wiehed, minflok ma jevita l-inkwiet*

[5] Ara fol. 129 et seq. tal-process.
[6] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

*ossia glied li jara gej, meta dan ikun jista' b'mod ragonevoli jigi hekk evitat, imur minghajr raguni valida jaffrontah b'mod li jipprecipita huwa stess il-konfront fiziku. Mill-kumpless tal-provi jidher car li l-appellant, meta kellu l-opportunita li jwarrab bil-kwiet u jevita l-konfront, ghazel li jmur hu jisteden il-glied ... ...*

*Kif inghad, din il-Qorti hi sodisfatta li l-appellant, meta kellu l-opportunita li jevita l-inkwiet b'mod ragonevoli, minflok mar hu stess jisfida lil Vella Muscat ghall-glied. Jekk ivvibrax hu jew Vella Muscat l-ewwel daqqa hu fatt ta' importanza marginali. Kif tajjeb intqal minn Lord Justice Widgely fil-kawza R. vs. Julien (1963) 1 WLR 839: "It is not ... ... the law that a person threatened must take to his heels and run in the dramatic way suggested by Mr. McHale, but what is necessary is that he should demonstrate by his actions that he does not want to fight. He must demonstrate that he is prepared to temporise and disengage and perhaps make some physical withdrawal, and that is necessary as a feature of the justification of self-defence is true, in our opinion whether the charge is a homicide charge or something less serious." (fol. 843).*

*Din il-Qorti hi tal-fehma li din hi wkoll il-posizzjoni taht il-ligi taghna. ... ..."* (sottolinear ta' dik il-Qorti.

Il-**Prof. Anthony Mamo** fil-ktieb tieghu **Lectures on Criminal Law** jghid hekk dwar l-elementi tal-legittima difiza: *"The evil threatened must be: (1) unjust; (2) grave; (3) inevitable".*[7] Dwar l-element tal-inevitabilita, huwa jkompli jghid hekk: *"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words, the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievious injury or to inflict it."*[8]

M'hemmx dubbju li l-imputata Ellul stiednet l-inkwiet meta kiesah u biered ghajjret lill-parte civile b'kelma dispreggattiva, u setghet tanticipa li l-parte civile kienet se tirritalja, stante li kien hemm diga precedent, ghall-inqas wiehed, ta' glied bejniethom. Peress li l-glieda kollha giet ipprecipitata mill-istess imputata Ellul, meta din setghet facilment evitat dik il-glieda, id-

[7] Ara **Lectures on Criminal Law** (Part 1) fol. 103.
[8] Ara **Lectures on Criminal Law** (Part 1) fol. 104.

difiza u l-manuvri li hi spiccat li kellha taghmel, ma ghandhomx l-elementi kollha mehtiega mill-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali, u b'mod partikolari hemm nieqes l-element "tal-bzonn" kif imfisser fis-sentenza fuq citata.

Fir-rigward tal-imputata Psaila, din dejjem insistiet li hi qatt ma involviet ruhha fil-glieda u meta rat lill-imputata Ellul u lill-parte civile jiggieldu marret tigri issejjah l-ghajnuna lill-Pulizija. Min-naha l-ohra, fix-xhieda taghha, l-parte civile tghid li kienet l-imputata Psaila li mbuttata u qalbithom mal-art u mbaghad kompliet ittiha bis-sieq u tghid ukoll li z-zewg imputati bdew ituha. Mill-kumpless tal-provi, din il-Qorti issib il-versjoni tal-imputata Psaila iktar kredibbli.

Mhux verosimili li l-imputata Psaila imbuttat lill-parte civile, li a sua volta *ex admissis* kellha idejha imqabbdin f'xaghar l-imputata Ellul. F'dik ic-cirkostanza, ladarba tigi mbuttata l-parte civile kienet se taqa' wkoll mal-art l-imputata Ellul, bil-konsegwenza li din setghet twegga' anke serjament. Mhux verosimili li l-imputata Psaila riedet twegga' lill-ohtha l-imputata Ellul, u ghalhekk ma ssibx attendibbli dik il-parti tax-xhieda tal-parte civile li l-imputata Psaila imbuttatha.

Inoltre, ma ngabet l-ebda prova f'dawn il-proceduri, li l-imputata Psaila kienet b'xi mod involuta fil-glieda. Per ezempju, hadd ma allega li xaghar l-imputata Psaila kien imgerfex, jew kellha xi sinjali ta' grif jew tbengil fuq gisimha, jew li l-istat ta' hwejjigha kienu jaghtu wiehed x'jifhem li kienet involuta fil-glieda. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-versjoni tal-imputata Psaila hija wahda kredibbli, u ghalhekk se tigi liberata mill-imputazzjoni dedotta kontriha.

Mix-xhieda ta' Dottor Patrick Farrugia,[9] li ezamina lill-parte civile fit-taqsima tal-emergenza tal-Isptar San Luqa, jirrizulta li konsegwenza ta' din il-glieda, il-parte civile kellha tlett ghadam miksurin fl-ghaksa ta' sieqha l-leminija u kellha bzonn operazzjoni, li saritilha aktar tard l-isptar stess. Hu xehed ukoll li fic-certifikat li rrilaxxa,[10] hu kklassifika l-ferita bhala *"grevious per durata" "minhabba t-tul tar-recovery."*[11]

[9] Ara fol. 113 *et seq.* tal-process.
[10] Ezebit a fol. 33 tal-process.
[11] Ara fol. 113 tal-process.

Xehed ukoll Dr Massimo Abela li kien ezamina lill-parte civile bhala *out patient* l-isptar, sitt (6) gimghat wara l-operazzjoni.[12] Fix-xhieda tieghu hu ma ftakarx il-kaz partikolari, izda gharaf il-firma tieghu fuq ic-certifikat li kien irrilaxxa dak in-nhar stess li kien ezaminha. Hu kien iccertifika li *"In view of the fact that her mobility was limited she was unable to ascend or descend stairs."*[13] Pero, Dottor Abela ma qalx ghal kemm perjodu ta' zmien, il-parte civile kien se jkollha din il-limitazzjoni.

Gie ezebit ukoll certifikat mahrug minn tabib tal-isptar, li ma ttellghax jixhed quddiem din il-Qorti, u li nhareg xahrejn wara l-operazzjoni, li jghid li *"patient recovered well".*[14] Pero peress li dan it-tabib qatt ma ttella' jixhed, dan ic-certifikat ma giex konfermat bil-gurament.

Fid-dawl ta' dawn l-unici provi medici li ressqet il-Prosekuzzjoni, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tad-difiza, li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li l-parte civile subiet feriti ta' natura permanenti, jew li kien hemm ir-riskju li ssofri feriti ta' natura permanenti. Huwa vera, li fix-xhieda taghha,[15] l-parte civile qalet li kienet ghadha sa dak in-nhar kienet ghadha ma timxix sew u din ix-xhieda tatha iktar minn erba' (4) snin wara l-incident. Pero din id-dikjarazzjoni maghmula mill-parti leza – cioe parti interessata fil-proceduri – certament ma tissodisfax l-oneru tal-prova fil-kamp kriminali li jinkombi lill-Prosekuzzjoni li jigi stabbilit li l-feriti li soffriet kienu ta' natura permanenti, jew tal-inqas, kien hemm ir-riskju li jkunu ta' natura permanenti.

Pero mill-provi jirrizulta sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, li l-parti leza sofriet feriti ta' natura gravi per durata.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-fedina penali aggiornata tal-imputata Ellul hija wahda netta.

[12] Ara fol. 60 *et seq.* tal-process.
[13] Ara fol. 34 tal-process.
[14] Ara fol. 36 tal-process.
[15] Ara fol. 51 tal-process.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ghalkemm il-parti civile soffriet ferita gravi, din il-Qorti m'hix tal-opinjoni li piena karcerarja effettiva hija idonea fil-kaz odjern.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 214, u 216(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata Carmen Ellul hatja ta' tar-reati kontemplati f'dawn iz-zewg artikoli, filwaqt li ma ssibhix hatja tar-reati l-ohra kontemplati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali u qed tilliberaha minnhom. Il-Qorti tikkundanna lill-hatja Carmen Ellul ghal piena karcerarja ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' tlett (3) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hatja fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li tonqos milli tosservaha, u cioe f'kaz li tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

Fil-konfront tal-imputata Josephine Ellul, il-Qorti issibha mhux hatja tar-reati kollha kontemplati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali u qed tilliberaha minnhom.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**